MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 128/2008

**A B**
**vs**
**C *sive* D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Huwa zzewweg lil C sive D B fil-5 ta' Lulju 1991 fil-Knisja ta' Santa Lucija
2. Minn dan iz-zwieg twielda zewgt itfal: Carlston John li twieled fis-sena 1995, u Jodie li twieldet fis-sena 1998
3. Il-hajja konjugali tal-kontendenti ma baqghetx possibbli minhabba sevizzi, ingurji gravi, akkuzi foloz, agir isteriku, theddid u vjolenza fizikaa u morali min naha ta' l-intimata kontra r-rikorrenti u kontra z-zewg uliedhom, u

eventwalment minhabba adulterju minn naha ta' l-intimata.

4. Fl-ewwel hdax-il sena taz-zwieg ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda relattivament normali, sakemm hames snin ilu l-intimata allegat abbuz minn naha ta' oht ir-rikorrenti fuq it-tifla minuri tal-kontendenti. Minn dakinhar bdiet problema ta' fiducja ta' l-intimata li baqghet qatt ma ghelbet. Hija baqghet tinsisti fuq dan l-abbuz, minkejja li esperti li raw lit-tifla (gynaecologist, psikologa u l-Ispettur Sharon Tanti) kollha qalu li ma rrizultax dan l-abbuz. Minn dak iz-zmien l-intimata qatt ma halliet lit-tifla tohrog wahedha mar-rikorrenti missierha. Dan il-fatt holoq hafna inkwiet u tbaghtija ghar-rikorrenti.

5. Ir-relazzjoni taghhom bdiet sejra ghall-aghar ghaliex l-intimata bdiet kull ma jmur tallega akkuzi serji u tinsulta b'mod gravi lir-rikorrenti. Hija bdiet takkuzaha li huwa beda jmur ghand il-genituri tieghu meta hi ma riditux. Sahansitra allegat li kellu x'jaqsam sesswalment m'ommu stess.

6. L-intimata bdiet turi instabbilita mentali qawwija. Hija bdiet tiffissa b'ghadd ta' affarijiet u takkuza lir-rikorrent bihom. Iffissat illi l-genituri tieghu stess ghamlulu xi maghmul u ghalhekk bdiet tmur ghand il-fortune teller Yoda bit-tfal biex minghaliha tnehhilu dan il-maghmul. Il-fortune teller bdiet taghmilha r-ritratti tieghu, tat-tfal u tal-genituri tieghu fi fliexken zghar f'likwidu imdardar jew xi trab u r-rikorrenti beda jsib dawn il-fliexken 'l hemm u 'l hawn fid-dar. Ikkonvinciet ruhha ukoll li kien taht l-influwenza tax-xitan u haditu ghand Patri Elija li min-naha tieghu lir-rikorrenti li ma kellux problem minn dawn u huwa talab fuq l-intimata ghal iex billi din kienet marret ghand fortune teller kienet setghet saritilha hafna hsara.

7. Sahansitra hadet lit-tfal ghand il-fortune teller u bdiet tikkonvincihom li raw ritratt ta' missierhom ma mara ohra. Hija kienet konvinta ukoll li din il-mara l-ohra kienet prezenti maghhom dak il-hin. Barra li din kienet akkuza nfondata min-naha ta' l-intimata fuq ir-rikorrenti turi ukoll instabbilita mentali qawwija u paranoia. Kien ukoll agir ta' detriment ghat-tfal. Hija bdiet taghmel il-hajja tar-rikorrenti inferm ghax huwa kellu jhabbat wiccu ma agir isteriku, ghajjat, twerziq, dagha, vjolenza. u akkuzi foloz Biex jevita il-glied u l-ingurji huwa beda jnaqqas mill-hin li beda jkun

id-dar u hija izjed bdiet takkuzah li kellu mara ohra. Qabdet ukoll private investigators biex isegwuh.

8. Oht l-intimata li ghaddiet zmien rikoverata fl-Isptar Mount Carmel minhabba xi allegazzjonijiet serji li ghamlet fil-konfront ta' certa individwi ukoll darba waqghet taht l-akkuzi ta' l-intimata meta din allegat li r-rikorrenti qed jaqlibilha ma din ohtha stess.

9. L-intimata ma kienitx tiehu gost li r-rikorrent jmur ghand il-genituri tieghu u gieli kienet anki tiffissa li jkun mar meta dan ma kienx ikun il-kaz. Kemm-il darba kienet tirraporta l-Ghassa tal-Pulizija u tghid li r-rikorrenti kien vjolenti maghha. Hija kienet tispicca twaddablu l-affarijiet u r-rikorrenti kien ikollu jiddefendi ruhu biex ma jweggax u gieli laqghatha. Wara dan hija kienet tghid li huwa kien ikun vjolenti maghha. Il-Pulizija kienu draw il-kaz u kienu jghidu lir-rikorrenti biex jiehu pacenzja biha. Hija kienet instabbli hafna u kienet tghaddi xi granet meta kien ikun qisu qatt ma kien xejn. Ir-rikorrenti kien jissaporti hafna dejjem bit-tama li l-affarijiet jitrangjaw, izda wara xi granet hija kienet terga tibda bl-akkuzi u l-agir instabbli.

10. Waqt il-medjazzjoni, l-intimata telqet ghadd ta' drabi mid-dar. Darba minnhom marret toqghod f'penthouse San Giljan ghal xahar shih, bit-tfal kollox, minghajr ma qaltlu fejn qieghda. F'dan iz-zmien huwa qatt ma ra lit-tfal. Telqet drabi ohra, darba fi flat Bugibba u darb' ohra Dar Merhba Bik. F'dawn il-perjodu r-rikorrenti kien jispicca mcahhad minn uliedu.

11. L-intimata kienet tigdeb u tivvinta kontinwament u kienet tiffissa biex imorru ghand xi konsulent jew qassis. Meta mbaghad dawn jibdew jghidulha affarijiet li ma joghgbuhiex hija kienet f'daqqa wahda ddur kontrihom. Hiaj gidbidtlu ukoll fuq id-data tal-Precett tat-tifla u dakinha telqet mid-dar u hadet lit-tifla maghha u meta r-rikorrenti segwiha huwa induna li marret ghand ohtha bi skuza li r-rikorrenti ghamel ghaliha. Il-party tal-precett ghamlitu minghajr ma infurmatu u meta l-kappillan pprova jrrikonciljahom hija ghamlet ghalih.

12. Kull darba li hija telqet mid-dar hija telqet mid-dar huwa kien jilqaghha lura u jipprova jirrikoncilja maghha. Dan anki meta kull darba li kienet titlaq hija kienet ccahdu mit-tfal ghaliex kienet tehodhom maghha. Kienet anki tahbi lit-tifla fid-dar tan-nanna fejn marret toqghod hi biex

ir-rikorrent ma jarax lit-tifal tieghu stess. L-ahhar darba li telqet kien f'April ta' l-2006 wara li kienet hadet weekend break. Hija qalet argument u spiccaw b'zewg karozzi tas-CID wara l-bieb ghaliex bhalma dejjem kienet taghmel allegat li r-rikorrent hebb ghaliha. Dakinhar hija hadet xi affarijiet u telqet bit-tifla. It-tifel li kellu hdax-il sena ried joqghod mar-rikorrent.

13. Sar hafna glied quddiem it-tfal sahansitra darba fil-birthday tat-tifla din xtaqitu jmur maghhom fil-kumpless ta' l-iSplash and Fun izda meta r-rikorrenti accetta, l-intimata hatfet lit-tifla u bdiet tkellimha hazin. Qaltilha li jew tmur maghha jew ma missierha. Darba ohra kien inqala' incident iehor quddiem it-tifla u t-tifla tal-habiba taghha, u l-intimata bdiet tidghi u toffendi lil zewgha. X'hin sema dan id-dagha r-rikorrenti pprova jwaqqafha billi jaghlqilha halqha b'idejn u weggaghha. Hija ghamlitlu rapport lill-Pulizija u qaltlu li kien hebb ghaliha.

14. Dak kollu gab ir-rikorrenti f'sitwazzjoni ta' frustrazzjoni u esasperazzjoni; xhur shah ma jarax lit-tfal, insulti fil-konfront tieghu u tal-familjari tieghu, allegazzjonijiet serji u infondati, dagha u provokazzjoni u argument bla fini. Spicca f'sitwazzjoni ta' biza' minn dak li tkun ser tivvinta martu minn mument ghall-iehor. Hija sahansitra insistiet li huwa ghandu jmur maghha ghand psikjatra. Ir-rikorrenti ikkuntentaha izda l-psikjatra spicca biex jippreskriva kura lill-intimata u mhux lir-rikorrenti. Huwa baqa' jissaporti bit-tama li jzomm il-familja maqghuda u ma rrealizzax li dak is-sagrificcji kollha biex jissaporti dan kollu kien qieghed ikun ta' hafna aktar detriment ghalih u ghal uliedu. L-intimata dejjem allegat li huwa mhuwiex f'sensieh u dan ghaliex hija kontinwament tapplika ghalih il-mod kif tahseb hi.

15. L-intimata fethet proceduri ta' medjazzjoni ghadd ta' drabi quddiem il-medjatur Godwin Genovese, izda filwaqt li certi sessjonijiet twaqqfu ghaliex il-partijiet ppruvaw jirrikonciljaw, l-ahhar medjazzjoni ma sehhitx minhabba differenzi rrikonciljabbli bejn il-partijiet u ghalhekk il-medjazzjoni inghalqet.

16. Gara imma li minhabba n-nuqqas da parti ta' l-intimata li zzomm mal-ftehim verbali li sar bejn il-partijiet dwar l-access tat-tfal, ir-rikorrent spicca jiddependi totalment mill-volonta u l-aptit ta' l-initmata biex ikun jista'

jara lil bintu; kienet qed iccahdu kapriccozament milli jaraha ghal gimghat shah.
17. Barra minn hekk ir-rikorrent kien qieghed ( u ghadu) jhallas manteniment lil martu kemm ghat-tifla li tghix maghha kif ukoll ghal martu meta din tista' liberament tahdem u tmantni lillha nnifisha u lit-tifla, ladarba huwa qieghed imantni lit-tifel li qieghed jghix mieghu, apparti li qieghed ihallas id-dejn tad-dar matrimonjali.
18. Ghaldaqstant il-medjazzjoni kienet regghet infethet. Madankollu l-medjazzjoni regghet ma sehhitx u din l-Onorabbli Qorti b'digriet tas-26 ta' Frar 2008 ordnat lill-partijiet sabiex jifthu kawza.

L-attur talab li din il-Qorti:
1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet li ghandha htija taghhom l-intimata kif hawn fuq spjegat;
2. Tafda lir-rikorrenti l-kura u kustodja taz-zewg uliedu minuri Carlston John u Jodie;
3. Tiddetermina l-access ta' l-ulied ghal ommhom l-intimata taht supervizjoni tar-rikorrent missierhom sakemm martu l-intimata tiehu l-kura medika u psikoterapewtika neccessarja sabiex jghinuha tiehu repsonsabbilita ta' uliedha b'mod matur u ta' min joqghod fuqu;
4. Tapplika kontra l-intimata s-sanzjonijiet li tahseb ghalihom l-ligi fosthom dawk taht l-Artikolu 48, 51,52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament indaqs, li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fir-raba' (4) talba, u jekk ikun mehtieg tahtar periti ghal dan il-ghan;
6. Tordna bejgh bil-licitazzjoni ta' l-assi mmobbli f'kaz li jirrizultali dawn ma jistghux jigu komodament divizi u tordna l-qsim tar-rikavat f'zewg ishma mhux bilfors indaqs li jigu assenjati lill-partijiet skond il-5 talba;
7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u kuratur sabiex jirraprezenta lill-intimata f'kaz ta' kontumacja;

8. Tassenja lir-rikorrenti d-dar matrimonjali li ggib in-numru 7 fi Triq Gorg Zammit, Attard.
9. Tordna li r-rikorrenti jieqaf jipprovdi manteniment ghall-intimata ghaliex din tista' tahdem facilment;
10. Tordna lill-intimat thallas manteniment ghal uliedha f'ammont li jigi likwidat mill-Qorti;
11. Tipprojbixxi lill-intimata milli tkompli tuza kunjom ir-rikorrenti u dan skond l-Artikolu 62 (2) tal-Kodici Civili;
12. F'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax il-11 il-talba, tawtorizza lir-rikorrent sabiex jabita fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-intimata u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti tal-attur.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta li permezz taghha eccpiet:
1. Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dana pero ghal dawn ir-ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrenti u senjatament adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi li r-rikorrenti ikkometta kontra martu l-esponenti, u kif ukoll minhabba inkompatibilita ta' karattru.
2. Illi dwar it-tieni talba, l-kura u kustodja tal-minuri Carlston John u Jodie ghandha tigi fdata lill-esponenti esklussivament u dan fl-interess suprem tal-istess minuri, b'access jekk ikun il-kaz a favur ir-rikorrent ghall-istess ulied minuri.
3. Illi t-tielet talba kif redatta hi ingurjuza u malizzjuza u l-esponenti qed titlob sfilz taghha.
4. Illi dwar ir-raba' talba, is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-ligi citati mir-rikorrent ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-istess rikorrent u mhux fil-konfront tal-esponenti.
5. Illi dwar il-hames, is-sitt u s-seba' talba, l-esponenti taqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi likwidata u diviza, dejjem tenendo kont tal-htijiet tar-rikorrent, u li l-assi immobbli kollha komuni tal-partijiet li ma jistghux jigu komodament divizi jinbieghu b'licitazzjoni,

bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, salv dak li ser jinghad fis-sitt eccezzjoni.

6. Illi dwar it-tmien talba, l-esponenti topponi din it-talba stante li l-fond matrimonjali numerat sebgha (7) Triq Gorg Zammit, Attard ghandu jigi assenjat lill-istess esponenti jew altriment din l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza lill-esponenti tabita mal-ulied minuri fl-imsemmija dar matrimonjali ad eskluzjoni tar-rikorrent, u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

7. Illi l-esponenti topponi d-disa' talba, billi l-esponenti ma tahdimx filwaqt li r-rikorrent jippercepixxi eluf ta' Ewro fis-sena, u ghaldaqstant ghandu jkun l-istess rikorrent li jkompli jissoministra retta alimentarja ghall-bzonnijiet tal-esponenti.

8. Illi dwar l-ghaxar talba, ghandu jkun l-istess rikorrent li jkompli jissoministra retta alimentarja ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri u dan ghar-ragunijiet imsemmijin fis-seba' eccezzjoni.

9. Illi l-hdax-il talba timmanifesta l-pika sfrenata li ghandu r-rikorrenti kontra martu, u qed tigi opposta.

10. Illi t-tnax-il talba, li hi alternattiva ghall hdax-il talba pero m'ghandha x'taqsam xejn maghha, qed tigi opposta u dan konsonantement mas-sitt eccezzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-kovenuta.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokkumenti tal-konvenuta.

Rat illi fl-20 ta' Mejju 2008 il-Qorti hatret lil Dr. Christine Bellizzi bhala Perit Legali a spejjez provizorjament ugwali bejn iz-zewg partijiet u ordnat illi din il-kawza timxi kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi numru 110/08 u l-provi mismugha f'din il-kawza ghandhom jitqiesu bhal provi mismugha fil-kawza l-ohra u vice versa.

Rat illi l-Perit Legali halfet ir-rapport peritali taghha waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012.

Rat illi fit-28 ta’ Awissu 2006 il-Qorti hatret lill-Psikjatra Dr Joseph Cassar bhala Espert Psikjatirku u f’Jannar 2007 irredigieda rapport peritali.

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal tat-28 ta’ Ottubru 2011.

Semghat lill-minuri in camera fit-12 ta’ Novembru 2012

Rat in-nota ta’ kritika u osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fil-31 ta’ Jannar 2013 u n-nota ta’ kritika u osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta’ Marzu 2013.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi kontestwalment ma’ din is-sentenza din il-Qorti qed taghti wkoll sentenza fil-kawza konnessa fl-ismijiet inversi cioe “C B vs A B” (Citaz nru 110/08RGM) li ghaliha issir ampja referenza sew ghall-konsiderazzjonijiet ta’ fatt kif ukoll ghall-konsiderazzjonijiet ta’ dritt.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha migjuba f’dik is-sentenza il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li :

1. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta in kwantu l-Qorti sabet lill-attur unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.
2. Tilqa’ parzjalment it-tieni eccezzjoni in kwantu il-kura u kustodja tal-minuri Jodie giet akkordata lill-konvenuta u mhux lill-attur kif mitlub.
3. Tilqa’ t-tielet eccezzjoni in kwantu irrizulta mir-rapport psikjatriku li l-konvenuta ma hi afflitta minn ebda marda ta’ natura mentali.
4. Tilqa’ ir-raba, il-hames, is-sitt u s-seba’ eccezzjoni

Tiddeciedi t-talbiet attrici billi:-

(1) Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici fis-sens illi tippronunzja s-seprazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tichad il-kumplament u tiddikjara li t-tkissir taz-zwieg sar bi htija tal-attur.

(2) Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Jodie lill-konvenuta filwaqt illi takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Carlston lill-attur b'access ghaz-zewg minuri skond kif konkordat ma' l-istess minuri.

(3) Tichad it-tielet u r-raba' talba.

(4) Tilqa' l-hames talba, u x-xolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li din ghandha tigi assenjata kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' inkluz il-bejgh tad-dar matrimonjali fis-sentenza moghtija kontestwalment u tistabbilixxi l-14 ta' Marzu 2004 bhala d-data li fiha l-attur irrenda ruhu responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg. Tordna li fl-eventwalita' li l-fond matrimonjali jinbiegh bis-subbasta jigu ammessi oblaturi estranei.

(5) Tilqa' s-sitt talba u tordna li l-bejgh isir bil-modalita' stabbilita fis-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija kontestwalment.

(6) Tichad is-seba' u t-tmien talba attrici.

(7) Tichad id-disa' u l-ghaxar talba attrici.

(8) Tichad il-hdax il-talba attrici.

(9) Tilqa' parzjalment it-tnax il-talba attrici bil-modalita' imsemmija fis-sentenza moghtija kontestwalment.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------